MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2010

Talba Numru. 971/2009

**GO plc C-22334**
**vs**
**Paul Robert Field (ID-11547A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' Novembru 2009, fejn intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Euro855.83c (tminn mija u hamsa u hamsin euro u tlieta u tmenin centezmi) rapprezentanti ammont li ghadu dovut in konnessjoni ma servizz telefoniku bin-numru 21524221 (AC 40089569) kif jirrizulta minn dokumenti annessi markati Dok IZY 1 u IZY 2;

Bl-ispejjes u bl-imghax legali kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u

biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Ra illi ghalkemm notifikat legalment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2010, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni taghhom u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz id-dokumenti esebiti;

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta attrici s-somma kif rikjesta fl-ammont ta' Euro855.83c (tminn mija u hamsa u hamsin euro u tlieta u tmenin centezmi) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata tal-odjern avviz u bl-ispejjes kollha ta' din l-istanza kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------